# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 82/2014

**Il-Pulizija**

**(Spt. Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Mario Borg**

Seduta tat-30 t'Ottubru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Mario Borg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 74172(M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Mejju 2013 u fix-xhur ta' qabel, f'Malta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u maghmulin b'rizoluzzjoni wahda: 1)b'xi mezz barra dak imsemmi fl-Artikolu 203A tal-Kodici Kriminali, eccita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta' persuna ta' taht l-eta' u cioe' ta' omissis; 2)b'xi mezz tat-teknologija tal-informazzjoni u komunikazzjoni,

ippropona li jiltaqa' ma' persuna ta' taht l-eta' bil-hsieb li jitwettaq xi reat taht Artikolu 204C; 3) ta fastidju sesswali lil Omissis ta' 15-il sena; u 4) ta fastidju lil Omissis ta' 15-il sena;

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija, ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq. F'kaz ta' htija l-Qorti kienet mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta omissis u l-familja tieghu ai termini ta' l-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li b'zieda ma' kull piena li jidhrilha xierqa, tordna ukoll li l-hati jkun ghal xi zmien jew ghal kull zmien prevenut milli jezercita l-attivitajiet tieghu li jkollhom x'jaqsmu mas-supervizjoni tat-tfal;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Frar, 2014 li biha, wara ammissjoni, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu w kkundannatu erbatax(14)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali kienu sospizi ghall-perjodu ta' sentejn (2). B'applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali l-Qorti qieghdet lill-appellant taht Ordni ta' Supervizjoni ghall-zmien sentejn (2) taht is-supervizjoni tal-Ufficjal Sorveljanti Ivan Sultana u taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet. B'applikazzjoni tal-Artikolu 208B(2) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ordnat l-prekluzjoni b'mod definit tal-imputat milli jezercita jew jippartecipa fi kwalunkwe mod f'attivitajiet konnessi mas-supervizjoni ta' tfal taht l-eta' ta' tmintax(18)-il sena u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali ordnat inoltre l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal zmien sentejn fejn il-persuni protetti huma CCMC u l-familja tieghu. Finalment ordnat li kopja tas-sentenza tkun notifikata lid-Direttur ghal-Probation Services u Parole;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, filwaqt illi tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena li nghatat fil-konfront tal-appellat u tordna illi ismu jitnizzel fir-registru skont d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 518;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari li l-ewwel Qorti naqset milli tordna li isem l-appellat jitnizzel fir-registru tal-persuni misjuba hatja skond il-Kapitolu 518 tal-ligijiet ta' Malta. L-Avukat Generali jargumenta illi bhala konsegwenza ta' sejbien ta' htija l-ewwel Qorti kellha, oltre l-piena, tordna li isem l-appellat ikun notifikat lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali ghall-inkluzjoni tieghu fir-Registru skond il-ligi;
2. Il-Kapitolu 518, promulgat bis-sahha tal-Att XXIII tal-2011 u intestat Att Dwar Registrazzjoni Ghall-Protezzjoni tal-Minuri, jipprovdi ghat-twaqqif ta' registru li fih jinzammu, *inter alia,* l-ismijiet tal-persuni misjuba hatja ta' reati elenkati fl-Iskeda I tal-Att. Qorti li ssib htija f'persuna in rigward, ghandha tordna n-notifika tas-sentenza taghha lir-Registratur tal-Qrati sabiex isimha jitnizzel f'dan ir-registru. L-artikolu 6 (1)(a) tieghu jipprovdi hekk:

6. (1) Persuna tkun soggetta ghall-htigijiet ta' notifikazzjoni taht dan l-Att ghaz-zmien imsemmi fl-artikolu 7 ("perjodu ta' notifikazzjoni") jekk dik il-persuna –

(a) tinsab hatja ta' reat skedat:

Izda l-Qorti tista', jekk jidrilha li jkun hekk xieraq tiddeciedi li ma tissoggettax persuna ghall-htigijiet ta' notifikazzjoni jekk, fl-opinjoni tal-Qorti, il-kaz ikun hekk jitlob;

3. L-ewwel Skeda tal-Att imbaghad telenka dawk ir-reati li ghalihom issir referenza fl-artikolu 6 soggetti ghal-htiega ta' notifikazzjoni. Fost dawn ir-reati hemm dawk ravvizati fl-artikoli 203A u 251A tal-Kodici Kriminali li dwarhom kien misjub hati l-appellat;

4. L-Avukat Generali jargumenta illi la darba, skond l-artikolu 4, huwa tassativ fuq kull entita' rilevanti li titlob lill-qorti kompetenti dwar kull persuna li tkun fi hsiebha timpjega fi kwalunkwe stabbiliment jew organizzazzjoni relatati ma' tfal u/jew minorenni ma huwiex logiku li persuna misjuba hatja tkun ezenti mill-inkluzzjoni taghha fir-registru bil-konsegwenzi li din tista' tkun impjegata mill-gdid minn entita' rilevanti. L-ghan tar-registru jfalli jekk ma jkunx hemm x'juri li persuna tkun instabet hatja ta' reat skedat;

5. L-appellat jargumenta illi l-htiega ta' notifika hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti u wara li kien ghamel din is-sottomissjoni, l-ewwel Qorti kienet accettat din il-fehma ghaliex il-kuntatt mal-minuri kien sar tramite computer u inoltre, stante li hu fin-negozju u jidhol ghall-kuntratti mal-Gvern, d-dhul tieghu fir-registru ikun ta' pregudizzju ghalih meta jissottometti tender;

6. Minn qari akkurat tal-artikolu 6 jemergi illi dik il-Qorti li ssib htija f'persuna f'reat skedat ghandha taghmel ordni ta' notifikazzjoni tas-sentenza taghha lir-Registratur tal-Qrati sabiex id-dettalji taghha jiddahhlu fir-registru mwaqqaf skond l-artikolu 3. Jekk dik il-Qorti, izda, jidrilha li fil-fehma taghha il-kaz ikun jitlob mod iehor, tista' tiddeciedi li ma tissoggettax lil dik il-persuna ghal-tali notifikazzjoni.

Jipprexxindi minn dan allura, l-obbligu tal-Qorti li tghid li hemm ragunijiet ghaliex qed tezercita dik id-diskrezzjoni moghtija lilha. Il-kliem fit-test tal-artikolu 6 "Persuna tkun soggetta ghall-htigijiet ta' notifikazzjoni" ifisser biss illi il-Qorti ghandha taghmel ordni ta' notifikazzjoni f'kull kaz ta' sejbien ta' htija. Huwa biss meta l-Qorti jidrilha, ghal xi raguni xierqa, li mbaghad tista' ma taghmilx tali ordni. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-Avukat Generali li la darba hu tassattiv fuq entita' rilevanti li titlob informazzjoni mir-Registru dwar kull persuna impjegata jew li tkun fi hsiebha timpjega allura huwa tassattiv fuq il-Qorti li tordna notifikazzjoni ta' sentenza fejn instabet htija fir-rejati skedati. Dan ghaliex l-obbligu tal-Qorti jemergi direttament mill-artikolu 6 tal-Kap 518 kif hemm ravvizat bid-diskrezzjoni fl-invers ghal-raguni xierqa;

7. Din il-Qorti ma taqbilx ukoll mas-sottomissjoni tal-appellat meta jghid illi l-ewwel Qorti qablet mar-rikjesta tieghu sabiex ma jkunx hemm notifikazzjoni u dan ghaliex is-sentenza ma ssemmi xejn dwar dan u lanqas ma takkludi ragunijiet ghaliex ma kienitx qed tissoggettah ghal-htiega tan-notifikazzjoni;

8. L-ewwel Qorti ordnat li fit-termini tal-artikolu 208B(2) tal-Kodici Kriminali l-appellat ikun prekluz b'mod definit (minghajr ma stabbiliet zmien ghalhekk, fejn allura kienet zbaljata l-ewwel Qorti) milli jezercita jew jippartecipa fi kwalunkwe mod f'attivitajiet konnessi mas-supervizjoni ta' tfal taht l-eta' ta' tmintax-il sena. Huwa kontrasens li taghmel tali projbizzjoni u fl-istess waqt li, skond l-appellat, il-Qorti ezentat lill-hati milli jitnizzel fir-registru u dan jikkonvinci lil din il-Qorti li ma kienitx l-intenzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad li taghmel dik l-ezenzjoni u li dan, ghal xi raguni, sfuggielha. Jerga' jinghad illi meta Qorti tghazel illi ma tissoggettax lill-hati ghan-notifikazzjoni fir-registru, dik il-Qorti ghandha tghid x'inhuma dawk ir-ragunijiet li wassluha sabiex tiehu dik id-decizjoni. Fil-kaz in dizamina, la hemm raguni in rigward u wisq anqas indikazzjoni li l-ewwel Qorti rrikorriet ghal din id-diskrezzjoni;

9. Ghal dawn il-motivi, l-appell tal-Avukat Generali qed ikun akkolt u konsegwentement filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet htija fl-appellat u kkundannatu ghall-14-il xahar prigunerija sospizi ghal-sentejn fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali kif ukoll f'dawk l-ordnijiet maghmula fit-termini tal-artikoli 28G, 208B(2) u 412(C) tal-Kodici Kriminali, b'zieda mal-piena u ai termini tal-artikolu 6 (2) tal-Kap 518 tordna li din is-sentenza tkun notifikata minnufih lir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali.